IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2023
COM(2023) 519 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

fir-rigward tad-delega tas-setgħat msemmija fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament (UE) 2017/2403 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni[1] (ir-Regolament SMEFF) għandu l-għan li:

(a) isaħħaħ il-kontrolli fuq l-attivitajiet tas-sajd, l-aktar permezz ta' awtorizzazzjonijiet għall-bastimenti tal-UE li jistadu barra l-ilmijiet tal-UE;

(b) jimplimenta wħud mill-awtorizzazzjonijiet tal-Istati tal-bandiera tal-UE, derivati minn ftehimiet bilaterali tas-sajd tal-UE u organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd; kif ukoll

(c) isaħħaħ l-objettivi tal-politika komuni tas-sajd fir-rigward tas-sajd sostenibbli, il-kontroll, u r-regoli tal-UE dwar l-indirizzar tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

Biex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament dwar l-SMEFF, u b'mod partikolari biex dan jiġi adattat għal żviluppi possibbli, il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Din is-setgħa[2] tista' tintuża mill-Kummissjoni biex temenda l-Anness[3] ħalli tiżgura monitoraġġ xieraq tal-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd skont ir-Regolament, b'mod partikolari permezz ta' rekwiżiti ġodda ta' *data*; u biex tissupplimenta l-Artikolu 10[4] billi timplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-eżitu tal-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim, jew l-eżiti ta' arranġamenti ma' stati kostali li magħhom huma kondiviżi l-istokkijiet tal-ħut, fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

L-Artikolu 44 tar-Regolament dwar l-SMEFF jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati.

2. Bażi ġuridika

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament SMEFF. F'konformità ma' din id-dispożizzjoni, is-setgħat tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 15 huma mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames (5) snin mis-17 ta' Jannar 2018. Il-Kummissjoni trid tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħat sa mhux iktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames (5) snin. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe oppożizzjoni mill-koleġiżlaturi, id-delega tas-setgħat ġiet estiża awtomatikament għal 5 snin oħra, sas-17 ta' Jannar 2028.

Ir-Regolament dwar l-SMEFF jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati:

a) filwaqt li jemenda l-Anness biex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq tal-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd skont ir-Regolament, b'mod partikolari permezz ta' rekwiżiti ġodda tad-*data* (l-Artikolu 5(2) tar-Regolament dwar l-SMEFF); kif ukoll

---

1 Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008, ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81-104.

2 Previst fil-premessa 34 tar-Regolament dwar l-SMEFF.

3 Previst fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament dwar l-SMEFF.

4 Previst fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar l-SMEFF

b) jissupplimenta l-Artikolu 10 billi jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-eżitu tal-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim, jew l-eżiti ta' arranġamenti ma' stati kostali li magħhom huma kondiviżi l-istokkijiet tal-ħut, fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd (l-Artikolu 15 tar-Regolament dwar l-SMEFF).

3. Eżerċitar tad-delega ta' setgħat

Mis-17 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni ma adottat l-ebda att delegat skont ir-Regolament dwar l-SMEFF. Is-setgħat biex jiġu adottati atti delegati huma previsti għall-adattament meħtieġ tar-Regolament SMEFF għall-kuntest li fih jiġi applikat ir-Regolament (jiġifieri għal teknoloġiji ġodda jew riżultati ta' negozjati ġodda ma' stati terzi). S'issa l-ebda adattament bħal dan ma kien meħtieġ.

4. Konklużjoni

Il-Kummissjoni tqis li s'issa ma kienx hemm bżonn li r-Regolament SMEFF jiġi adattat billi teżerċita s-setgħat tagħha skont l-Artikolu 5(2) jew l-Artikolu 15 tar-Regolament SMEFF.

Madankollu, tali atti delegati xorta jistgħu jkunu meħtieġa fil-futur biex ir-Regolament jiġi adattat għal bidliet teknoloġiċi jew matul l-implimentazzjoni ta' ftehimiet li għad jiġu konklużi ma' stati terzi.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.